# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Ottubru, 2001**

**Numru 4**

**Appell Nru. 252/93**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Nazzareno sive Zaren Vella**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-22 ta' Gunju, 1993, liema sentenza taqra kif gej:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat il-kumpilazzjoni tal-provi minnha migbura kontra l-imputat Nazzareno sive Zaren Vella akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fl-ahhar sitt xhur qabel is-sitta u ghoxrin ta' Mejju, 1988:-

1. b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra biex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, seta' fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' disa' mitt lira maltin ghad-dannu ta' Albert Camilleri;

2. talli fl-istess zminijiet f'dawn il-Gzejjer approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra is-somma ta' hames mitt lira maltin, liema somma giet fdata jew ikkonsenjatha lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tas-somma jew li jsir uzu minnha specifikat u dan bi hsara ta' Paul Camilleri;

3. u aktar talli huwa recidiv f'reat b'sentenza tat-tlettax ta' Ottubru, 1977, tal-Qorti Kriminali b'sentenza ta' l-ergha u ghoxrin ta' Jannar, 1985, tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Semghet lill-imputat jghid li ma kienx hati ta' dawn l-akkuzi.

Rat in-Nota ta' l-Avukat Generali (fol 203) tat-tmienja ta' Gunju, 1992, fejn haseb li tista' tinstab htija kontra l-imputat skond dak li hemm mahsub fl-artikoli 49, 50, 293, 308 u 310(1)(a) tal-Kap 9.

Semghet lill-imputat jghid li ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi deciza minn din il-Qorti.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti.

Rat id-dokumenti kollha esebitiu l-atti tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi originarjament l-imputat Vella kien ko-imputat f'din il-kawza ma' zewg imputati ohra akkuzati flimkien mieghu u cioe' Emanuel Chetcuti u Anthony sive T wanny Borg.

Illi saret separazzjoni tal-gudizzju u l-kawza kontra Chetcuti u Borg ipprocediet separatament kif jidher mill-verbal a fol wiehed u tmenin datat tnejn u ghoxrin ta' Awissu, 1988, liema kawza kontrihom giet deciza minn din l-istess Qorti fis-seduta tat-tlettax ta' Ottubru, 1988.

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti jirrizulta ippruvat bhala fatt li x-xhud Albert Camilleri fi Frar, 1988, kien gie imhajjar biex jixtri kwantita' ta' whisky bl-intervent ta', u minghand, 'l fuq indikati Borg u Chetcuti flimkien ma' l-imputat Nazzareno Vella, u dan bil-prezz ta' disa' mitt lira maltin. Fil-fatt jirrizulta li dan l-ammont thallas minn Albert Camilleri lil Emanuel Chetcuti sabiex dan igiblu l-whisly fil-post, data u hin miftiehem. Irrizulta pero' li wara li dan Camilleri hallas dan l-ammont ta' flus lil Chetcuti li qallu li ser igiblu l-whisky, fil-fatt dan ma gablu xejn u lanqas rega' deher bir-rizultat li Albert Camilleri gie defrodat fis-somma ta' disa' mitt lira maltin.

Illi mill-istess provi u cirkostanzi tirrizulta b'mod sodisfacenti l-intenzjoni specifika ta' l-imputat li flimkien ma' persuni ohra, iddefroda lil dan Albert Camilleri fis-somma ta' disa' mitt lira maltin billi geghlu jemmen li seta' jixtri minghandhom kwantita' ta' whisky b'dak il-prezz, meta fil-fatt kien jaf li dak il-whisky ma kienx jezisti, u geghlu jemmen ukoll li dak il-whisky kien qieghed id-dwana, fil-Birgu. Dan Albert Camilleri ipprezenta ruhu sew bhala vittma ta' l-imputat u l-ohrajn u dan peress li hu kien sub-agent tad-ditta Marsovin u kien ghalhekk jinnegozja fix-xorb. L-imputat dan kien jafu u ghalhekk, sabiex u aktarx iva milli le, kien cert li Camilleri ikun interessat li jixtri dak il-whisky, bl-irhis. Fil-fatt hekk gara, l-ghaliex dan Camilleri nizel il-Birgu kif kien mitlub jaghmel biex suppost jiehu l-whisky wara li hu jaghti l-flus lill-imputat u l-komplici tieghu. Il-laqgha saret kif miftiehem, Camilleri ta l-flus, izda baqa' jistenna ghall-whisky li ma gie qatt. Jirrizulta li s-somma ta' disa' mitt lira inqasmet bejn l-imputat u z-zewg persuni l-ohra fuq imsemmija Chetcuti u Borg.

Din il-messa in scena kollha tirrizulta bl-aktar mod car u trasparenti u dan ghar-ragunijiet imsemmija minn din l-istess Qorti fis-sentenza taghha kontra z-zewg persuni l-ohra Emanuel Chetcuti u Twanny Borg, u ghalhekk taghmel riferenza ghalihom u taddottahom wkoll ghal dan il-kaz. Din il-messa in scena, kompliet wara li kien ghadda z-zmien konsiderevoli. Jirrizulta fil-fatt li darba minnhom Albert Camilleri, akkumpanjat mill-imputat Vella, mar isib lil Chetcuti. L-imputat Vella beda jistaqsi lil Chetcuti 'l ghaliex ma kienx gab il-whisky, izda kien kollu teatrin ghax Chetcuti beda jirreagixxi qisu ma kien jaf b'xejn. Huwa car ghalhekk li din il-kwistjoni kollha kienet wahda premeditata u premarkata bejn l-imputat u l-persuni l-ohra. Huwa evidenti li l-imputat kien imdeffes f'dan kollu, tant li hu ha sehmu mis-somma ta' disa' mitt lira maltin li baqa' ma rrifondiex.

Illi jirrizulta wkoll li fl-istess jum li dan Albert Camilleri gie defrodat kif intqal mill-imputat u l-ohrajn fis-somma ta' disa' mitt lira maltin, l-imputat Vella, wara hafna talbiet persistenti, issellef somma ohra ta' hames mitt lira maltin minghand Paul Camilleri, hu l-istess Albert Camilleri, u dan ghax qallu li kellu bzonn isiefer malajr biex jixtri xi xoghol. Camilleri ta cheque f'dan l-ammont lill-imputat fid-disgha ta' Frar, 1988, li l-imputat mar isarraf mill-ewwel fil-bank proprju dakinhar stess. Dwar l-iskuza tas-safar jirrizulta li fil-fatt l-imputat ma siefirx fiz-zmien li ha l-flus minghand Paul Camilleri, izda siefer fil-hdax ta' Mejju, 1988, ghal Catania u rritorna lura Malta tlett ijiem wara. Jidher ghalhekk car li ma kien veru xejn li l-imputat issellef is-somma ta' hames mitt lira maltin minghand Paul Camilleri ghax ried isiefer bihom malajr. Huwa aktar evidenti ghalhekk li l-imputat zamm dawn il-flus ghalih u jirrizulta li sal lum hu ghadu rrifonda lura lil Paul Camilleri s-somma ta' mitt lira maltin biss u dan waqt il-mori tal-kawza, u minkejja li ghaddew gja hames snin minn meta ha s-somma ta' hames mitt lira maltin minn ghandu.

Illi dwar l-akkuzi tar-recidiva, din ukoll tirrizulta ppruvata wara li l-Qorti rat is-sentenzi esebiti u saret il-prova ta' l-identita' relattiva.

Ghal dawn ir-ragunijiet ghalhekk, wara li l-Qorti rat l-artikoli 49, 50, 293, 308 u 310(1)(a) tal-Kap 9, issib li l-imputazzjonijiet kollha kontra l-imputat Nazzareno Vella jirrizultaw ippruvati u ghalhekk issibu hati ta' l-istess.

Dwar il-piena, wara li l-Qorti rat il-fedina penali ta' l-imputat minn fejn jirrizulta car li din mhix l-ewwel darba li hu kiser il-ligi, tant li ilu jiksirha mill-1973, kontinwament sa' l-1984, u anke gja kellu zewg kundanni ta' piena karcerarja fl-1977 u 1985, u wara li kkunsidrat li r-reati imwettqa mill-imputat huma ta' natura serja hafna, tasal biex tikkonkludi illi f'dan il-kaz, l-unika piena indikata u adegwata hija certament wahda karcerarja.

Ghal dawn il-motivi, u minhabba l-fatt li l-imputat huwa recidiv, tiddeciedi billi tikkundannah sentejn prigunerija mil-lum".

Minn dik is-sentenza appella l-imputat Zaren Vella permezz ta' rikors ta' l-appell ipprezentat fil-5 ta' Lulju, 1993, li bih talab li din il-Qorti

joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija skond il-ligi.

L-appellant jaghmel diversi sottomissjonijiet in sostenn tat-tezi tieghu illi l-provi kienu tali li ma kellhomx iwasslu ghall-konsegwenza tar-responsabilita' kriminali tieghu, la taht l-ewwel u lanqas taht it-tieni imputazzjoni. Dawn is-sottomissjonijiet ta' natura fattwali huma ftit, huma kontenuti fir-rikors ta' l-appell, u din il-Qorti effettivament tara li jkun hela ta' zmien jekk toqghod tidhol fihom wahda wahda ghaliex thossha moralment ultra konvinta mill-htija ta' l-appellant, kif tirrizulta bl-aktar mod car mill-atti processwali u kif stabbilita korrettement mill-ewwel Qorti.

Veru li hemm x'wiehed jghid dwar ix-xhieda taz-zewg komplici l-ohra li l-process taghhom gie terminat precedentement, dana minhabba illi x-xhieda taghhom hija dejjem wahda ta' komplici, pero', hemm provi ohrajn sufficjenti u aktar minn sufficjenti biex tigi assodata l-htija ta' l-appellant.

Jigifieri kwantu ghal dik li htija din il-Qorti m'hijiex pronta li tvarja d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti. Hija, pero', pronta tvarja d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti ghal dik li hi piena u dana aktar milli ghal haga ohra, minhabba li l-istat ta' sahha serju u prekarju hafna

ta' l-appellant li effettivament kien anke l-kawza principali ghala din il-kawza damet daqshekk biex tinqata'.

Din il-Qorti ma jidhrilhiex li huwa opportun li toqghod tidhol fid-dettal tal-marda ta' l-appellant, u ser tiehu dan in konsiderazzjoni biex tasal ghall-konkluzzjoni  biex tissospendi s-sentenza ta' prigunerija inflitta fuqu mill-ewwel Qorti.

Ghal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata ghal dik li htija kif ukoll ghal dik li hija piena, tissospendi l-piena ta' sentejn prigunerija inflitta mill-ewwel Qorti fit-termini ta' l-art. 28 (A) tal-Kodici Kriminali ghal perjodu ta' 4 snin mil-lum bil-kondizzjoni li dan fl-istess perjodu l-appellant ma jikkommetti ebda rejat iehor.

Dep/Reg

mm